MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 52/2011

**Appell Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Kaz numru 176/2006CF**

**Leonard Cassar**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-ippjannar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Leonard Cassar karta` tal-identita` numru 430758M. kif ukoll l-istess Leonard Cassar bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Allwares Limited C369 datat 1 ta' Novembru 2011 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-Onorevoli Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjannar kien iddispona minn appell tal-appellant hawn

rikorrent li kien qieghed jappella minn decizjoni tal-awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjannar li biha kienet applikat fil-konfront tieghu l-**artikolu 39A tal-Kap 356** u kienet konsegwentement immodifikat l-istess awtorita` l-permess lilu mahrug. Id-decizjoni tat-tribunal fil-kaz fl-ismijiet premessi inghatat fit-13 ta’ Ottubru 2011; kopja ta’ din id-decizjoni qieghda tigi hawn mehmuza.

Illi l-esponent hass ruhu aggravat bid-decizjoni tal-Onorabbli Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet premessi tat-13 ta’ Ottubru 2011, u ghallhekk qieghed jinterponi umili minnha ghall-quddiem il-Qorti tal-Appell kompetenti.

Illi l-aggravju tieghu huwa car u manifest u jikkonsisti filli d-decizjoni appellata kienet manifestament zbaljata fil-ligi.

Illi fil-fatt l-istess decizjoni tikkontjeni 1. definizzjoni zbaljata fil-ligi ta’ dak li wiehed jfisser bi frodi jew misrappresentazzjoni; 2. tiddeciedi affarijiet li ma kienux fil-mansjoni taghha li tiddeciedi; 3. tiddeciedi affarijiet li ma humiex rimessi mil-ligi ghall-gurisdizzjoni tat-tribunal; u 4. tiddeciedi affarijiet li la kienu mitluba u lanqas kienu jifformaw parti mid-dibattitu quddiemha u b’hekk tiddecidi *ultra vires* u bi ksur tad-dritt ghall-smigh xieraq skont il-ligi; ghalhekk dik id-decizjoni hija wahda zbaljata u trid tigi revokata.

Dwar it-tifsir tal-kelma ‘frodi’ dan huwa evidenti li fil-ligi jfisser ghemil li jista’ jqarraq; l-esistenza biss ta’ zball tekniku ma jwassalx ghall-frodi fil-ligi.

It-tribunal argumenta li l-kelma frodi kif uzata fl-att tal-ippjannar ghanda sinjifikat preciz u jeskludi l-intenzjoni f’ minn jipperpetra l-frodi li jqarraq b’dak li jkun. Pero` hawn hekk certament, ghalkemm wiehed jista’ ma jaqbilx ma din l-esklussjoni kompleta tal-istat mentali ta’ dak li jkun qieghed jqarraq, certament ma tistax ukoll teskludi l-possibilita` li jkun hemm verament il-possibilita` li tqarraq. Huwa sinjifikanti li t-tribunal stess jghid li “huwa stramb hafna kif f’ dak it-tul ta’ zmien kollu li damet tigi processata din l-applikazzjoni hadd min-nies teknici tal-Awtorita` ma

induna bil-problemi li kienet ser tohloq din l-applikazzjoni.” Illi naturalment ma hemm xejn stramb ghaliex id-diffikultajiet kienu ben maghrufa lill-awtoritajiet u anke minn analizi tad-decizjoni tat-tribunal stess jirrizulta li dan ma setax jkun mod iehor. Dan il-fatt u x-xjenza manifest tal-awtoritajiet tal-posizzjoni fuq is-sit ma tistax ma teskludiex il-frodi fis-sottomissjoni tal-pjanti da parti tal-appellant. Huwa ingust, inekwu, u zbaljat li wiehed jassumi li kien hemm frodi fil-kaz presenti meta hija haga ben nota fil-ligi li l-frodi trid tigi provata minghajr ebda ombra ta’ dubju minn min jallega u mhux xort’ohra. Ghallhekk huwa evidenti li hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi u d-decizjoni ma tistax tigi konfermata. Ma hemmx dubju minn qari tad-decizjoni li t-tribunal kien konvint li l-fatti kienu ben maghrufa lill-awtorita` imma hass li l-awtorita` hadet decizjonijiet zbaljati fuq dik li kienet il-linja. Din mhux biss ma kienx kompitu tat-tribunal imma jeskludi kompletament il-frodi fl-appellant billi jghabbi l-awtorita` bir-responsabbilta` ta’ decizjonijiet zbaljati. Dan il-fatt ukoll jeskludi u jesorbita mill-kuncett ta’ frodi.

Dwar dak li iddecieda t-tribunal dan kien izjed koncernat mid-decizjoni dwar fejn kellha tkun il-linja u ma ndirizzax mohhu ghal-lanjanza tal-appellant kif imressqa fl-appell tieghu. Injora kompletament il-lanjanza tal-appellant li ma giex moghti smigh xieraq mill-awtorita` kif ukoll injora l-fatt li l-awtorita` kienet ben konxja mill-posizzjoni fis-sit. Minflok t-tribunal ikkoncentra l-attenzjoni tieghu ghal dak li deherlu kellha tkun il-linja, injora kompletament, jew kwasi l-allegazzjoni tal-appellant u ddecieda kollox fuq il-kwistjoni tal-interpretazzjoni tieghu x’ kellha tkun il-linja. B’dan il-mod gie innega huwa stess, bhala tribunal, smigh xieraq lill-appellant. Il-kwistjoni tal-linja ma kienetx kwistjoni ta’ dan l-appell jekk qabel ma jkunx hemm il-konkluzjoni li kien hemm frodi; anke hemmhekk ladarba jkun hemm dik il-konkluzjoni t-tribunal ma jistax jissostitwixxi id-diskrezzjoni tieghu ghal dik tal-awtorita` specjalment fid-difett ta’ kwalsiasi appell fuq dak il-punt.

U dan jwassalni ghat-tielet aggravju u cioe` li t-tribunal iddecieda affarijiet li ma kienux fil-mansjoni tieghu li jiddecidi. Huwa l-kompitu tal-Awtorita` fl-esercizju tal-

**artikolu 39** li tirrevoka l-permess u minflok tohrog permess iehor. Dan l-awtorita` ghamiltu kontra r-rieda tal-appellant. L-appellant appella minn dak l-agir tal-awtorita` fejn allega li l-awtorita` ezercitat l-poteri fdata lilha hazin. It-tribunal ma ghandu l-ebda mansjoni taht l-**artikolu 39** li jmur *oltre* dak li tkun iddecidiet l-awtorita` jew li jiddeciedi b'mod differenti mill-awtorita`. In partikolari t-tribunal kien jiddifetta minn gurisdizzjoni li jimmodifika l-permess mahrug mill-awtorita` specjalment ladarba ma kien hemm l-ebda appell validu mill-hrug ta' dak il-permess. It-tribunal ghalhekk agixxa *ultra vires* u minghajr gurisdizzjoni. Meta l-Awtorita` waslet biex timmodifika l-permess mahrug lill-appellant b' applikazzjoni tal-**artikolu 39** harget permess modifikat mil- liema permess ma sar l-ebda appell validu u ghallhekk t-tribunal ma kellux l-kompetenza u l-awtorita` li jissostitwixxi jew ivarja dak il-permess. L-unika kwistjoni rimessa lilu u li kellu d-dritt jiddeciedi kienet jekk l-Awtorita` kienetx validament applikat l-**artikolu 39** jew le. Jekk sab li dak l-artikolu kien validament applikat kellu jieqaf hemm u ma setax jmur *oltre*. Meta t-tribunal ippretenda li jmur *oltre* kien mhux biss qieghed jagixxi barra l-vires tieghu, imma kien ukoll qieghed jiddeciedi affarijiet li ma kienux gew rimessi lilu u ma kienux qieghdin jigu dibattuti quddiemu. Ghalhekk ukoll t-tribunal innifsu bid-decizjoni tieghu ivvjola d-dritt tal-appellant ghall-smigh xieraq ghaliex l-appellant ma kellu l-ebda avviz li tali fatt kienet rimess ghad-decizjoni tat-tribunal fl-appell tieghu u ghalhekk ma kellu l-ebda opportunita` jaghmel sottomissjonijiet dwara jew jiddibattiha.

*Inoltre* ghalhekk t-tribunal mhux biss naqas li jikkonsidra u jiddeciedi l-ilment tal-appellant li huwa ma kienx ircieva smigh xieraq kif kien intitolat ghalih quddiem l-awtorita` imma mbaghad kif jirrizulta bic-car minn dak li qieghed jigi sottomess naqas li jircievi smigh xieraq quddiem l-istess tribunal. In partikolari r-rifjut tal-Awtorita` li tisma' x-xhieda tal-*case officer* inkarigat mill-kaz wassal ghall-pregudizzju serju li bata l-appellant fis-smigh tal-kaz tieghu quddiem l-istess awtorita`. L-awtorita` semghet il-kaz minghajr ma tat opportunita` shiha u xierqa lill-appellant li jirrispondi u dan meta l-akkuza kienet li huwa kien ipperpetra frodi u ghallhekk is-sejbin ta' htija kien jinnecessita` grad ta'

prova serju u strett, haga li kjarament naqset milli taghmel l-istess Tribunal. Huwa ghallhekk wisq evidenti li l-appellant ma nghatax smigh xieraq quddiem l-Awtorita`. Imma anke quddiem it-tribunal in kwantu dan iddecieda kwistjonijiet li ma kienux rimessi lilu biex jiddeciedi u li kienu jesorbitaw dak li kien qieghed jigi mitlub f’dan l-appell.

Fl-ahharnett il-presenza tas-socjeta` appellanti Allwares Limited ma hiex riflessa fl-okkju tad-decizjoni u dan iwassal ghan-nullita` tal-istess decizjoni.

Ghaldaqstant l-appellant filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi ga prodotti u filwaqt li jirriserva li jipproduci dawk il-provi permessi mill-ligi jitlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jirrevoka d-decizjoni tal-Onorabbli Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjarmar fil-kaz fl-ismijiet premessi tat-13 ta’ Ottubru 2011 u b’hekk jiddeciedi adesivament ghall-appell tal-esponenti quddiem l-istess tribunal, bl-ispejjez kontra l-appellati.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2012.

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 18 ta’ Jannar 2012 a fol 32 tal-process fejn esponiet: -

1. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant, it-Tribunal interpreta l-ligi korrettament meta interpreta d-definizzjoni ta’ ‘*frodi’* moghtija fl-**artikolu 39A tal-Kap. 356**. Skont l-interpretazzjoni moghtija mill-appellant, l-ezistenza ta’ zball tekniku ma jwassalx ghall-frodi *ai termini* tal-artikolu citat. Pero’ bir-rispett kollu, huwa evidenti li t-Tribunal kien korrett fl-interpretazzjoni tieghu u dan ghaliex l-artikolu in kwistjoni jipprovdi illi: *“‘fraud’ means the submission to the Authority of any information, declaration or plan on the basis of which the Authority has approved a development permission where such information, declaration or plan is false, misleading or incorrect* ***irrespective of whether such deceit is the result of a willful or negligent act.****”* Dan ifisser li l-fatt

inniffsu li l-Awtorita’ tkun giet moghtija informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta skorretta a bazi ta’ liema jkun gie approvat zvilupp ikun sufficjenti sabiex jiskatta dan l-artikolu, indipendentement mill-intenzjoni tal-applikant. Ghalhekk, it-Tribunal kien korrett fl-interpretazzjoni tal-ligi meta qal: *“Minn dan johrog car li ghal dan l-artikolu tal-ligi l-kelma ‘fraud’ ghandha sinifikat partikolari hafna li tinkludi s-sottomissjoni ta’ informazzjoni skorretta bi svista u mhux necessarjament b’intenzjoni qarrieqa.”* Ghaldaqstant, dan l-ewwel aggravju tal-appellant ghandu jigi michud.

2. Illi fir-rigward tal-aggravji l-ohra jinghad li t-Tribunal huwa kompost minn persuni teknici u ghalhekk kien korrett li ghadda biex evalwa l-linji tal-bini sabiex jigi stabilit fil-mertu jekk fil-fatt l-Awtorita’ gietx moghtija informazzjoni skorretta jew le. B’dan, it-Tribunal m’agixxiex bl-ebda mod *oltre* l-poteri moghtija lilu. *In oltre*, l-**artikolu 39A (3)** jaghti lill-applikant id-dritt t’appell minn decizjoni mehuda mill-Awtorita’ *ai termini* tal-**artikolu 39A** pero’ dan l-istess sub-artikolu ma jillimitax il-poteri moghtija lit-Tribunal li jimmodifika l-permess *in vista* tal-fatti pprezentati quddiemu.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita’ esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tat-Tribunal datata 13 ta’ Ottubru 2011 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mit-Tribunal fit-13 ta’ Ottubru 2011, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta’ Jannar 2012 fejn meta sejjhet l-appell deher il-Profs Ian Refalo ghall-appellanti prezenti, u Dr. Ian Vella Galea ghall-appellat. Il-Qorti innotat li hi sprovista mill-process tal-appell mhux anness u l-Qorti ordnat li dan isir minnufih *animo ritirandi.* Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell giet differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-28 ta’ Gunju 2012.

Rat in-nota tas-Segretarju tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 27 ta’ Jannar 2012 a fol 36 tal-

process, fejn permezz taghha esebixxa vera kopja l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet "**Leonard Cassar vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" deciz mit-Tribunal.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 5 ta' Gunju 2012 fejn irrikjamat l-appell ghas-26 ta' Gunju 2012 ghall-istess skop u d-difensuri tal-partijiet taw ruhhom notifikati ghall-partijiet minnhom rappresentanti bid-digriet tar-rikjam tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Gunju 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-appell huwa fis-sens li (a) li d-decizjoni tikkontjeni decizjoni zbaljata f'dak li jfisser frodi jew misrappresentazzjoni u dan ghaliex bi frodi wiehed jirreferi ghall intenzjoni li jqarraq u f'dan il-kaz ma kien hemm xejn minn dan; (b) li t-Tribunal iddecieda fuq il-linja tal-bini meta ma kienx dan il-mertu tal-appell tal-appellant peress li f'dan il-kaz il-lanjanza kienet li l-Awtorita' kienet ben konxja ta' dak li kien is-sit mertu tal-izvilupp; (c) li t-Tribunal iddecieda fuq punti li ma kienux fil-mansjonijiet tieghu li jiddeciedi u dan meta immodifika l-permess li kellhu quddiemu; (d) li l-appellant ma inghatax smiegh xieraq quddiem l-Awtorita' u l-Bord u dan anke ghaliex il-*case officer* inkarigat mill-kaz ma instemghax u dan iktar u iktar meta l-appelant baqa' jsostni li huwa bl-ebda mod ma ghamel ebda att ta' frodi; (e) illi s-socjeta' Allwares Limited ma hijiex riflessa fl-okkju u ghalhekk dan jannula d-decizjoni.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti thoss li l-**artikolu 39 A tal-Kap. 356** jirreferi ghall frodi bhala *"sottomissjoni lill-Awtorita' ta'*

*xi imformazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta li abbazi taghha l-Awtorita' tkun harget il-permess ghall-izvilupp meta dik l-informazzjoni, dikjarazzjoni jew pjanta hija falza, qarrieqa je mhux korretta, sew jekk dak l-ingann ikun rizultat ta' l-att doluz jew negligenti".*

Illi mela allura fid-dawl ta' din id-definizjoni specifika fl-istess Ligi din il-Qorti thoss li l-interpretazzjoni moghtija mit-Tribunal hija wahda korretta ghaliex inghad li kien hemm informazzjoni mhux korretta li anke jekk ma saritx bl-intenzjoni li tqarraq xorta wahda taqa' taht id-disposizzjoni tal-istess **artikolu 39A tal-Kap. 356** li tawtorizza lill-Awtorita' sabiex tirtira jew tibdel il-permess, u f'dan il-kaz jirrizulta li l-pjanti sottomessi ma kienux jaghtu stampa cara tas-sit u l-izvilupp propost u dan ghaliex is-site plan kif ppresentata ma kienitx turi l-footprint kollha fejn kien propost li jsir l-izvilupp il-gdid peress li l-linja ta' l-izvilupp kienet murija bhal dik ta' gewwa u mhux dik ta' barra, u wkoll li l-pjanti tal-applikazzjoni kienu jaghtu x'jifhem li l-izvilupp kien diga qieghed mibni fuq il-linja ta' barra fuq it-tlett livelli ezistenti u fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi li t-Tribunal ikkonstata, din il-Qorti thoss li saret applikazzjoni sew tal-Ligi ghaliex mhux rikjest f'tali misinformazzjoni l-element ta' intenzjoni li jqarraq izda hija bizzejjed li din il-misinformazzjoni kienet rizultat ta' negligenza u din giet ipprovata fil-grad rikjest mill-Ligi. Mela allura kien hemm interpretazzjoni sewwa tal-Ligi f'dan il-kaz, u l-fatt li jirrizulta almenu mid-decizjoni tat-Tribunal li kien hemm negligenza wkoll da parte tal-Awtorita' jew l-adetti taghha ma jfissirx li ma' setghax u ma kellhux jigi applikat l-**artikolu 39 A tal-Kap. 356** fil-konfront tal-appellant. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju jirrizulta li l-kwistjoni dwar il-linja tal-bini kienet relevanti ghas-soluzzjoni tal-pendenza u dan ghaliex jirrizulta li kien relevanti li jigi stabilit f'dan il-kaz fejn kien il-bini u n-natura ta' bini li kien hemm qabel ghall dak li kien ser jigi propost u dan ghar-ragunijiet indikati dettaljattament ukoll fin-nota ta' Mario Scicluna tal-Awtorita' datata 5 ta' Awissu 2011 u dan huwa ikkunsidrat fl-ahhar tlett paragrafi ta' pagna 18 tad-decizjoni appellata

tat-Tribunal li mexa fuq l-istess rapport tekniku u wkoll fuq dak li kkonstata l-Perit Godwin Cassar fix-xhieda tieghu quddiem l-organi relattivi u dan johrog car mill-atti processwali quddiem l-istess Tribunal u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tielet aggravju ma jirrizultax skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 39 A tal-Kap. 356** ma jirrizultax li t-Tribunal huwa limitat bil-mod li qed jipprettendi l-appellant u dan qed jinghad anke in vista ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 39 A tal-Kap. 356** u wkoll l-**artikolu 15 (1) (c) u l-artikolu 33 tal-Kap. 356** u ghalhekk dan l-aggravvju wkoll qed jigi michud.

Illi dwar l-ilment li l-appellant qed isostni li ma inghatax smiegh xieraq fil-kors tal-appell u wkoll fil-kors tal-proceduri quddiem il-Bord, jinghad li din bl-ebda mod ma giet sostanzjata quddiem l-istess Tribunal minkejja li l-ilment tal-appellant kien proprju dwar dan. Dan irendi dan l-aggravju inattendibbli f'dan l-istadju. Jinghad ukoll li fejn l-ilment odjern jirreferi ghall-proceduri quddiem it-Tribunal stess, dawn assulutament ma jirrizultax tant li jidher li fil-verbal tal-10 ta' Ottubru 2007 kien sar differiment saniex jsiru provi mill-appellant Leonard Cassar ghas-16 ta' Jannar 2008 u ssemew in partikolari l-Perit Patrick Calleja li effettivament xehed fl-istess seduta, izda l-case officer George Delmar ma jidhirx li gie mharrek ghal-istess seduta. Fid-19 ta' Mejju l-appellant indikat bhala Leonard Cassar talab li fin-nuqqas ta' presenza tal-avukat tieghu jkun jista' jikkonsulta mieghu *"sabiex jara hux ser jerga' jharrek lil George Delmar fuq is-sit in kwistjoni"* u l-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar laqa' t-talba u halla l-kaz ghat-30 ta' Lulju 2008. F'din is-seduta la deher l-appellant u lanqas id-difensur tieghu izda deher proprju ix-xhud imsemmi George Delmar u l-appell gie differit ghas-26 ta' Novembru 2008; fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2008 Dr. Philip Magri ghall-appellant prezenta biss affidavit tal-Perit Patrick Calleja u wara li l-appell gie differit diversi drabi ghall-provi tal-appellant, fis-seduta tal-14 ta' Ottubru 2009, xehed l-appellant Leonard Cassar li wara li talab l-allegazzjoni ta' xi files in konnessjoni mal-izvilupp mertu ta' l-appell, iddikjara li *"m'ghandhux provi aktar",* u

ghalhekk jidher car li huwa stess naqas li jressaq bhala xhud lill-imsemmi George Delmar. Huwa fl-opinjoni ta' din il-Qorti allura insostenibbli l-ilment tal-appellant fir-rikors tal-appell li l-Awtorita' naqset li tisma' x-xhieda tal-case officer inkarigat mill-kaz u dan kien ta' pregudizzju ghall-appellant, meta fil-verita' dan in-nuqqas mill-atti jidher li kien dovut lill-appelant stess li inghata diversi opportunitajiet li jressaq ix-xhieda tieghu, nkluz tal-imsemmija persuna, li wkoll attendiet, izda meta deher l-appellant innifsu ma kienx prezenti, u wara jirrizulta li ma nsistiex iktar ghas-smiegh tieghu. B'hekk dan l-aggravju huwa wkoll infondat fil-fatt u fid-dritt u hawn il-Qorti ser tieqaf hawn u toqghod fuq il-verbali fuq citati fil-proceduri quddiem l-ewwel il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u mbaghad quddiem it-Tribunal.

Illi dwar l-ahhar ilment jidher li l-permess in kwistjoni kien dejjem f'isem Leonard Cassar u l-okkju tal-kaz kien f'ismu proprju kif jidher ukoll mill-atti kollha relattivi nkluzi l-formula ta' l-appell Numru 181673 u allura l-parti f'dan il-kaz kienet Leonard Cassar proprju u ghalhekk anke dan l-aggravvju qed jigi respint u ghalhekk l-appell qed jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-Awtorita' appellata datata 18 ta' Jannar 2012 biss in kwantu l-istess hija konformi ma' dak hawn deciz, din il-Qorti qed **tichad l-appell interpost mill-appellanti Leonard Cassar fir-rikors tal-appell tieghu datat l-1 ta' Novembru 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi,** u b'hekk din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fl-ismijiet **"Leonard Cassar vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (Appell Numru 176/11 CF – PA 1176/00) datata 13 t'Ottubru 2011 ghall finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-appellanti Leonard Cassar.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------